# Aktar nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet

Fl-2012, ir-rata ta' nisa f'Malta fuq il-bordijiettal-kumpaniji elenkati fil-borża kienet ta' 3.5%. Minkejja li għaxar snin wara din ir-rata telgħet għal 15.5% xorta waħda għadha mill-aktar rati baxxi fl-UE (UE28- 33%).

Ta' min jirrikonoxxi li matul dawn l-aħħar snin l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issaħħet f'diversi oqsma, fosthom fis-suq tax-xogħol. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol f'Malta żdiedet minn 46% fl-2012 għal 72.3% fl-2022.[1] Madanakollu, din iż-żieda sostanzjali ma ġietx riflessa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Studji tal-Għaqda Dinjija tax-Xogħol (l-ILO) juru li r-riżultati tal-kumpaniji jitjiebu meta jkun hemm id-diversità fil-pożizzjonijiet għolja. Fil-fatt, meta l-bordijiet ikunu bbilanċjati, il-kumpaniji għandhom iċ-ċans li jtejbu r-riżultati tagħhom b'20%. Dawk il-kumpaniji li jħaddnu d-diversità jżidu l-produttività, iktar persuni jitħajru jidħlu jaħdmu magħhom, tiżdied iktar l-innovazzjoni u titjieb ukoll ir-reputazzjoni tal-kumpanija.

B'hekk meta n-nisa jkunu f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet jissaħħaħ it-tkabbir ekonomiku u l-kompettitività tal-kumpaniji, ikun qed isir użu aħjar tal--ħiliet, il-kwalifiki u t-talenti ta' kulħadd u l-bordijiet jirriflettu l-popolazzjoni kollha. Barra minn hekk, in-nisa li jkunu f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet iservu ta' role models sabiex iktar tfajliet u bniet jaħdmu biex huma wkoll jokkupaw dawn il-pożizzjonijiet.

Huwa f'dan il-kuntest li d-Direttiva tal-UE dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ġiet adottata f'Novembru 2022 u ppubblikata f'Diċembru tal-2022. Din għandha l-għan li ssaħħaħ l-ugwaljanza fir-rappreżentanza tal-irġiel u n-nisa fuq il-bordijiet tal-kumpaniji elenkati fil-borża.

Sat-30 ta' Ġunju tal-2026, dawn il-kumpaniji jridu jiżguraw li mill-inqas 40% tal-karigi ta' direttur mhux eżekuttiv jew 33% tal-karigi taddiretturi kollha jkunu okkupati mis-sess sottorappreżentat. Għalhekk huwa importanti li l-proċess kollu tal-għażla għall-pożizzjonijiet

[1] Labour Force Survey Q4/2012, Q4/2022

ta' direttur għandu jkun ibbażat fuq kriterji ċari fejn il-kandidati jiġu vvalutati oġġettivament fuq il-merti individwali tagħhom, indipendenti mill-ġeneru tagħhom.

Filwaqt li l-mertu għandu jibqa' l-kriterju ewlieni fil-proċeduri tal-għażla, f'każijiet fejn il-kandidati huma kwalifikati bl-istess mod għal kariga partikolari, il-prijorità għandha tingħata lill-kandidat tas-sess sottorappreżentat.

Kumpaniji elenkati se jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti darba fis-sena dwar ir-rappreżentanza tas-sessi fil-bordijiet tagħhom u jindikaw jekk l-objettivi ntlaħqux. Din l-informazzjoni għandha wkoll tkun ippubblikata fuq il-websajt tal-kumpanija u aċċessibbli b'mod faċli.

Id-Direttiva tinkludi penali għall-kumpaniji li jonqsu milli jikkonformaw ma' proċeduri ta' ħatra miftuħa u trasparenti.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) wkoll qiegħda taħdem qatigħ sabiex tqajjem għarfien dwar l-importanza li jkun hemm aktar nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan tagħmlu billi tassisti l-kumpaniji jfasslu policies ta' ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol sabiex dawn ikopru l-ugwaljanza fl-oqsma kollha tal-operat tagħhom, fosthom fir-reklutaġġ u fl-opportunitajiet li joffru, li jinkludu fost oħrajn l-opportunitajiet għall-avvanz fil-karriera.

Il-Marka tal-Ugwaljanza (Equality Mark) tal-NCPE tinċentiva lil kumpaniji li tassew iħaddnu l-ugwaljanza fil-policies u prattiċi tagħhom. Din iċ-ċertifikazzjoni toħroġ wara proċess ta' verifika fejn il-kumpaniji jiġu wkoll assistiti biex itejbu dak li jkollhom fis-seħħ. Sa Diċembru tal-2022, kien hemm total ta' 130 organizzazzjoni ċċertifikata bil-Marka tal-Ugwaljanza li jimpjegaw 'il fuq minn 30,600 individwu. Barra minn hekk, l-NCPE tqajjem ukoll għarfien dwar l-importanza tal-bilanċ bejn il-ġeneri permezz ta' infografiċi fuq il-mezzi soċjali, artikli u parteċipazzjoni fi programmi tar-radju u t-televiżjoni.

L-NCPE waqqfet ukoll id-Direttorju ta' Nisa Professjonisti online li qed jagħti iktar viżibilità lil dawn in-nisa u jsaħħaħ l-opportunitajiet li jidħlu f'bordijiet u f'pożizzjonijiet għolja. Sal-aħħar tal-2022, kien hemm 274 mara rreġistrati f'dan id-Direttorju li ġejjin minn oqsma differenti bi

snin ta' esperjenza u kwalifiki vasti li huma addattati għal dawn il-pożizzjonijiet.

Id-Direttiva tal-UE dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha ssaħħaħ ix-xogħol li qed isir f'dan ir-rigward billi jintlaħaq bilanċ fir-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel fuq il-bordijiet ta-kumpaniji elenkati fuq il-borża ta' Malta.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200, equality@gov.mt jew fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE (Facebook, Instagram u Twitter - NCPE.Malta)*

**19 ta' April 2023**